



---

## TESTI ADOTTATI

---

### P9\_TA(2022)0450

#### It-titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027

#### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar it-titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti u adegwat għal sfidi ġodda (2022/2046(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tal-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027<sup>1</sup> (Regolament QFP), u d-dikjarazzjonijiet konġunti maqbula bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'dan il-kuntest<sup>2</sup>, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet unilaterali relatati<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>5</sup> (FII),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit

---

<sup>1</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

<sup>2</sup> ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 445, 29.10.2021, p. 252.

<sup>4</sup> ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

<sup>6</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>1</sup> (ir-Regolament Finanzjarju),

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, adottat fit-23 ta' Novembru 2022<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-proposta tas-16 ta' Mejju 2022 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (COM(2022)0223),
- wara li kkunsidra l-proposta tat-22 ta' April 2022 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (COM(2022)0184),
- wara li kkunsidra l-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tat-13 ta' Diċembru 2017<sup>3</sup> u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li ġie adottat fit-8 ta' Settembru 2022, u approvat fis-sessjoni parzjali tal-Parlament tat-12 sal-15 ta' Settembru 2022,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta tal-2021 għal reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2022 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 - il-finanzjament tal-ispejjeż ta' akkoljenza tan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE - it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2021 dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-

---

<sup>1</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

<sup>2</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0403.

<sup>3</sup> ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

<sup>4</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0366.

<sup>5</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0309.

<sup>6</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0254.

<sup>7</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0219.

2021-2027<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 bit-titolu "qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji: wasal iż-żmien li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini"<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' ftehim<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2022,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-31 ta' Mejju 2022,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-11 ta' Marzu 2022 wara l-laqgħa informali tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2022 bit-titolu "Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2023" (COM(2022)0548),
- wara li kkunsidra r-rapport ta' Awwissu 2022 tal-Bank Dinji, tal-Gvern tal-Ukrajna, u tal-Kummissjoni, bit-titolu "Ukraine Rapid Damage and Needs Assessment" (Il-Valutazzjoni Rapida tad-Danni u l-Ħtiġijiet tal-Ukrajna),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 dwar l-għajnuna lill-Ukrajna u r-rikostruzzjoni tagħha (COM(2022)0233),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ppreżentati fid-9 ta' Mejju 2022,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 09/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu

---

<sup>1</sup> ĠU C 224, 8.6.2022, p. 37.

<sup>2</sup> ĠU C 184, 5.5.2022, p. 179.

<sup>3</sup> ĠU C 445, 29.10.2021, p. 240.

<sup>4</sup> ĠU C 371, 15.9.2021, p. 110.

<sup>5</sup> ĠU C 202, 28.5.2021, p. 31.

<sup>6</sup> ĠU C 363, 28.10.2020, p. 179.

"L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 - Mhuwiex għoli daqskemm ġie rrapportat",

- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 22/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tiegħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli",
  - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 10/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraff f'azzjoni",
  - wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti,
  - wara li kkunsidra r-Regola 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni fil-forma tal-emendi tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
  - wara li kkunsidra l-ittri mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0281/2022),
- A. billi, skont l-Artikolu 311 TFUE, l-Unjoni jeħtieġilha tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tilħaq l-oġettivi tagħha u twestaq b'suċċess il-politiki tagħha; billi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) jistabbilixxi l-prijoritajiet baġitarji tal-Unjoni għal seba' snin u jipprovdi riżorsi finanzjarji għall-politiki, il-programmi u l-ħtiġijiet tagħha; billi l-QFP huwa ristrett mil-limitu massimu tar-Riżorsi Propriji;
- B. billi, wara l-adozzjoni tal-QFP attwali f'Diċembru 2020, il-kuntest politiku, ekonomiku u soċjali inbidel ħafna, ibda mill-iskala bla preċedent u konsegwenzi drammatiċi tal-pandemija tal-COVID-19, li għadha ma spiċċatx;
- C. billi l-invażjoni Russa mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna wasslet għal kriżi umanitarja kbira u skattat xokk ekonomiku u soċjali enormi ta' tul ta' żmien inċert mad-dinja kollha; billi l-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddeskrivew il-gwerra bħala "bidla tettonika fl-istorja Ewropea" u l-Kummissjoni qalet li "l-ħtiġijiet mhux previsti maħluqa mill-gwerra fl-Ewropa huma ferm lil hinn mill-mezzi disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali", u għalhekk hemm bżonn ta' sorsi ġodda ta' finanzjament;
- D. billi l-Unjoni u l-poplu tagħha appoġġaw lill-Ukrajna mill-bidu nett tal-gwerra, u wrew solidarjetà mal-Ukreni fil-ġlieda tagħhom biex jiddefendu d-demokrazija kontra l-awtoritarjaniżmu, offrew kenn lil aktar minn 8 miljun Ukren u taw protezzjoni temporanja lil 4 miljun ruħ; billi l-UE, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej ipprovdew lill-Ukrajna b'aktar minn EUR 19-il biljun f'assistenza; billi, minbarra l-għajnuna umanitarja u militari, l-Unjoni appoġġat lill-Ukrajna fl-oqsma tas-

saħħa, l-enerġija u l-agrikoltura u ffaċilitat il-kummerċ, b'mod partikolari billi stabbiliet korsiji ta' solidarjetà biex tgħin lill-Ukrajna tesporta prodotti agrikoli; billi se tkun meħtieġa aktar assistenza biex jiġu sostnuti s-servizzi bażiċi u l-infrastruttura essenzjali fil-pajjiż;

- E. billi 21,9 % tal-popolazzjoni tal-UE jinsabu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali; billi m'hemmx dubju li l-faqar enerġetiku se jmur għall-aġar bħala konsegwenza tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna; billi l-kombinazzjoni ta' prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew u l-inflazzjoni li qed tiżdied qed twassal għal kriżi fl-għoli tal-ħajja, qed thedded is-sopravivenza tan-negozji, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u qed timbotta aktar nies lejn il-faqar;
- F. billi n-nies ġustament jistennew li l-Unjoni u l-baġit tagħha jirrispondu fil-pront u b'mod effettiv għall-ħtiġijiet kif jevolvu u jipprovdulhom l-appoġġ meħtieġ, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi;
- G. billi l-baġit tal-Unjoni għandu, u jrid jibqa' jkollu, rwol ċentrali fit-twettiq tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, inkluż billi jwassal għas-suċċess tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali għal kulħadd, iwitti t-triq lejn in-newtralità klimatika sal-2050, irawwem l-irkupru inklużiv u soċjali, jippromwovi t-tkabbir sostenibbli u inklużiv, isahha il-kompetittività, l-innovazzjoni, l-awtonomija strateġika, is-sigurtà tal-enerġija u l-indipendenza enerġetika, jipprovdi appoġġ għall-gruppi vulnerabbli u l-SMEs, irawwem l-iżvilupp sostenibbli biex ma jħalli lil ħadd lura u jiżgura koeżjoni u konverġenza 'l fuq, jiżgura Unjoni Ewropea tas-Saħħa iktar robusta wara l-kriżi tal-COVID-19, jissalvagwardja u jippromwovi l-istat tad-dritt, il-valuri Ewropej, id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni u lil hinn minnha, jikkontribwixxi għal opportunitajiet ikbar għal kulħadd u jiżgura Unjoni iktar b'saħħitha għal niesha li tkun kapaċi twettaq ir-responsabbiltajiet globali tagħha u tindirizza l-kriżi klimatika u dik tal-bijodiversità u l-konsegwenzi tagħhom;
- H. billi, fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2023, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi sensiela ta' inizjattivi ta' politika ġodda b'implikazzjonijiet baġitarji potenzjalment sinifikanti, b'mod partikolari, il-Bank Ewropew tal-Idroġenu propost, il-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs u l-Fond Ewropew għas-Sovranità;
- I. billi l-effett konġunt ta' kriżijiet multipli, il-limiti massimi tal-QFP baxxi u r-regoli onerużi li jirregolaw l-adozzjoni jew ir-reviżjoni tal-QFP, wasslu għal "galassja" ta' strumenti *ad hoc* li huma barra mill-baġit tal-UE, kif ukoll użu ikbar ta' dħul assenjat estern li mhux soġġett għall-proċedura tal-baġit, speċjalment fil-każ tan-Next Generation EU; billi l-proċedura baġitarja biss teħtieġ l-involviment sħiħ tal-Parlament u tiżgura li jkun jista' jeżerċita skrutinju fuq il-baġit; billi ż-żewġ ferġhat tal-awtorità tal-baġit għandu jkollhom rwoli ugwali kif stabbilit fit-TFUE; billi l-Parlament għandu jkollu rwol sħiħ f'dan l-ambjent baġitarju ġdid sabiex jiżgura akkontabbiltà u trasparenza demokratika għall-bqija tal-QFP attwali;
- J. billi l-FII jistabbilixxi arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni u d-djalogu bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar suġġetti tal-baġit; billi għandhom jittieħdu iktar passi li jtejbu t-trasparenza, l-akkontabbiltà u d-disponibbiltà ta' informazzjoni fuq l-infiq kollu b'appoġġ għat-tfassil tal-politika tal-UE;
- K. billi, f'konformità mad-dikjarazzjoni unilaterali tagħha bħala parti mill-ftehim ta'

Diċembru 2020 dwar il-QFP 2021–2027, il-Kummissjoni inkludiet fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2023 impenn li ttwettaq rieżami tal-QFP fit-tieni trimestru tal-2023, li jista' jinkludi reviżjoni;

- L. billi l-pożizzjoni tal-Parlament dwar ir-riżorsi proprji ser tkun stabbilita frizoluzzjoni li jmiss;

***Sfidi u xokkijiet ġodda li jiżvelaw nuqqasijiet fil-QFP attwali***

1. Jistieden lill-Kummissjoni ttipponi reviżjoni tal-QFP attwali ffukata primarjament fuq l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra kontra l-Ukrajna u l-għoti ta' flessibbiltà adegwata lill-Unjoni biex tirrispondi għall-kriżijiet;
2. Jissottolinja li hemm kunsens ċar bejn l-istituzzjonijiet tal-UE li, wara l-invażjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna, l-UE għandha ttipprovi l-iktar assistenza umanitarja, soċjali, ekonomika u finanzjarja b'saħħitha lill-Ukrajna, filwaqt li tindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali severi tal-kriżi fl-Unjoni u ttipprovi l-appoġġ neċessarju lil-dawk kollha affettwati; jissottolinja, f'dan il-kuntest, l-għanijiet konġunti tal-Unjoni li ttwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, it-tranżizzjoni diġitali u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tintensifika l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tad-difiża, li ttejjeb l-awtonomija strateġika u l-indipendenza enerġetika u s-sigurtà tal-enerġija tagħha, li tnaqqas il-faqar enerġetiku, li tiżgura s-sigurtà globali tal-ikel, u li tindirizza l-isfidi kkawżati mill-inflazzjoni għolja;
3. Jissottolinja li Unjoni b'saħħitha mibnija fuq is-solidarjetà u l-kooperazzjoni u li kapaċi tiffaċċja l-isfidi attwali u ttaffi l-impatt tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja għan-nies u n-negozji teħtieġ soluzzjonijiet madwar l-UE kollha biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha fil-kapaċità tagħhom li jappoġġaw lin-nies u lin-negozji, u b'hekk tiġi ppreservata l-integrità tas-suq intern u tiġi evitata l-frammentazzjoni jew id-distorsjoni tiegħu; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' proġetti transfruntiera li huma fundamentali fil-bini ta' Unjoni sovrana, strateġika u awtonoma;
4. Jenfasizza li, mill-inqas fuq żmien qasir, hemm bżonn ta' għajjnuna umanitarja fuq skala kbira fl-Ukrajna u appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri li qed jirċievu u jgħinu lin-nies li qed jaħarbu mill-kunflitt sabiex l-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna jkun indirizzat; ifakkar li l-programmi rilevanti ma ġewx ipprovduti bir-riżorsi li din is-sitwazzjoni bla preċedent teħtieġ; iqis, barra minn hekk, li, fit-tul, l-Unjoni għandu jkollha rwol ewlieni fir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, permezz ta' approċċ ta' "bini mill-ġdid aħjar", ladarba tintemm il-gwerra, filwaqt li jiġu żgurati governanza tajba, rispett għall-istat tad-dritt u ġestjoni finanzjarja tajba; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta r-rwol li l-baġit tal-UE għandu jkollu fl-isforzi ta' rikostruzzjoni internazzjonali;
5. Jilqa' d-deċiżjoni li l-Ukrajna u l-Moldova jingħataw status ta' pajjiż kandidat; jenfasizza li din id-deċiżjoni ġġib magħha impenn fit-tul finanzjarju u baġitarju għall-appoġġ tar-riformi neċessarji – u approċċ ta' politika kkoordinat – biex jiġu appoġġati r-rikostruzzjoni, l-irkupru u r-riformi meħtieġa li huma speċifiċi għal kull pajjiż, kif kien il-każ ma' pajjiżi kandidati oħra;
6. Jiddispijaci li inizjattivi essenzjali ta' politika ġodda mfassla wara l-adozzjoni tal-QFP attwali ġabu magħhom proposti biex jew xi flejjes ma jintużawx għall-programmi, il-politiki u l-objettivi miftiehma tal-UE, jew biex jintużaw għal skop differenti fi

ħdanhom; iqis li r-riallokkazzjonijiet rikorrenti mhumiex mod vijabbli biex jiffinanzjaw il-prijoritajiet tal-Unjoni u li jikkostitwixxu bidla *de facto* għall-QFP maqbul;

7. Jirrimarka dwar l-użu estensiv tal-istrumenti speċjali fl-ewwel sentejn tal-QFP; jinnota li l-Istrument ta' Flessibbiltà kien mobilizzat għall-infiq taħt l-Intestatura 6 (Il-Viċinat u d-Dinja) fl-2022 u għandu jiġi mobilizzat għall-infiq sinifikanti taħt l-istess intestatura u l-Intestatura 2b (Reżiljenza u Valuri) u l-Intestatura 5 (Sigurtà u Difiża) fl-2023; jirrimarka li, taħt il-proposta dwar id-difiża ta' Lulju 2022<sup>1</sup>, iktar approprijazzjonijiet għandhom ikunu mobilizzati permezz ta' strumenti speċjali fl-2024;
8. Jenfasizza li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza (SEAR) kienet kważi eżawrita fl-2021 u kienet użata kompletament fl-2022 wara li pprovdiet kombinazzjoni ta' għajjnuna umanitarja u appoġġ lil Stati Membri għall-indirizzar ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem; jirrimarka li l-estensjoni tal-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) biex jinkludi emerġenzi ta' saħħa pubblika, flimkien maż-żieda fl-iskala u l-frekwenza tad-diżastri naturali, il-kriżi umanitarja fl-Ukrajna u b'konsegwenza l-wasla ta' numri kbar ta' rifuġjati fl-UE, poġġew lis-SEAR taħt pressjoni estrema; jistenna, barra minn hekk, li l-konsegwenzi drammatiċi tan-nirien bla preċedent fis-sajf tal-2022, li ġew wara l-għargħar u n-nirien kbar tas-sajf tal-2021, se jtejjeg appoġġ finanzjarju sinifikanti, inkluż mis-SEAR;
9. Ifakkar li l-QFP jiżdied kull sena fuq bażi ta' deflatur ta' 2 % applikat fuq il-prezzijiet tal-2018; jissottolinja li l-prezzijiet tal-enerġija li dejjem qed jogħlew u l-volatilità estrema tas-suq tal-enerġija kkawżati prinċipalment mid-deċiżjoni tar-Russja li taqta' l-provvisti tal-gass qed jixprunaw l-inflazzjoni li dejjem qed tikber, u qed iħallu impatti severi fuq in-nies u n-negozji; hu mħasseb ferm li tali livelli għolja mhux mistennija ta' inflazzjoni qed ippoġġu lill-QFP taħt pressjoni kbira, inaqqsu ulterjorment il-kapaċità ta' akkwist u jagħsru l-kapaċità operazzjonali u amministrattiva f'kuntest fejn il-livell ġenerali hu diġà inqas minn dak ta' QFP preċedenti f'termini tas-sehem mill-Introjtu Gross Nazzjonali (IGN) tal-UE; jisħaq li, fil-prattika, dan ifisser li inqas proġetti u azzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jiġu ffinanzjati, b'hekk jiġu affettwati b'mod negattiv il-benefiċjarji u l-kapaċità tal-Unjoni li twettaq l-oġettivi politiċi tagħha;
10. Barra minn hekk ifakkar li, minkejja t-talbiet tal-Parlament li l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru jitqiegħed 'il fuq mil-limiti massimi, l-ispejjeż tar-rifinanzjament tiegħu jitħallsu sal-limiti tal-QFP, u b'hekk hemm iktar pressjoni fuq il-QFP u jiġi pperikolat il-finanzjament tal-programmi diġà miftiehma, speċjalment f'kuntest fejn ir-rati tal-interessi qed jogħlew u l-ispejjeż għas-self taħt in-Next Generation EU qed jiżdiedu; jirrimarka, f'dak ir-rigward, dwar iż-żieda mhux diskrezzjonali fl-approprijazzjonijiet tal-linja EURI ta' EUR 280 miljun fil-baġit adottat għas-sena finanzjarja 2023 meta mqabbel mal-abbozz ta' baġit tal-Kummissjoni, u b'hekk tieħu mill-Istrument ta' Marġini Uniku, u tnaqqas il-kapaċità tal-baġit li jirreaġixxi għall-ħtiġijiet emerġenti;
11. Josserva t-talbiet kontinwi għall-baġit tal-UE biex iservi bħala garanzija għal assistenza makrofinanzjarja (AMF) addizzjonali, b'mod partikolari għall-pajjiżi affettwati mill-gwerra; jilqa' l-appoġġ vitali tal-Unjoni permezz tal-AMF; jissottolinja li, fil-każ ta'

---

<sup>1</sup> Proposta tad-19 ta' Lulju 2022 għal regolament dwar l-istabbiliment tal-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (COM(2022)0349).

inadempjenza jew irtirar ta' garanziji nazzjonali, il-baġit tal-UE fl-aħħar mill-aħħar jissottoskrivi s-self kollu tal-AMF u għalhekk iġorr obbligazzjonijiet kontinġenti sinifikanti u imprevedibbli b'mod inerenti;

12. Jenfasizza, għalhekk, li l-QFP attwali diġà ġie mgebeded sal-limiti tiegħu inqas minn sentejn wara l-adozzjoni tiegħu, sitwazzjoni aggravata mill-avvenimenti imprevedibbli tal-2022; jirrimarka li sempliċiment mhux mgħammar biżżejjed, f'termini ta' daqs, struttura jew regoli, biex jirrispondi malajr u b'mod effettiv għal għadd kbir ta' kriżijiet ta' din l-iskala u lanqas biex jiffinanzja b'mod adegwat l-ambizzjonijiet tal-politika tal-UE konġunti ġodda u l-implimentazzjoni rapida tas-soluzzjonijiet meħtieġa mifruxa mal-UE; jinsab imħasseb ħafna li l-QFP attwali jħalli lill-Unjoni mhux mgħammra biżżejjed biex tirrispondi għal kwalunkwe kriżi u ħtiġijiet futuri potenzjali u biex tissodisfa r-rwol strateġiku tagħha fix-xena internazzjonali;
13. Jikkonkludi li hemm bżonn ċar ta' reviżjoni urġenti tal-QFP u li l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo mhux se jkun bl-ebda mod suffiċjenti biex jindirizza l-firxa ta' sfidi li hemm u jista' għalhekk jimmina l-kunfidenza fl-Unjoni;

***L-indirizzar tad-diskrepanzi fil-finanzjament – iktar kapacià finanzjarja b'iktar trasparenza u akkontabbiltà demokratika***

14. Jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex mhux biss twettaq rieżami fil-fond dwar il-funzjonament tal-QFP attwali, iżda li tipproċedi wkoll bi proposta leġiżlattiva għal reviżjoni komprensiva u ambizzjuża tar-regolament tal-QFP u l-anness tiegħu mill-iktar fis possibbli u mhux iktar tard mill-ewwel trimestru tal-2023; jisħaq li r-reviżjoni tal-QFP ma tridx twassal għal xi reviżjoni 'l isfel tal-pakketti nazzjonali jew programmi tal-UE allokatu minn qabel;
15. Jemmen bis-sħiħ li r-reviżjoni trid tindirizza l-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu u l-eżawriment tal-mezzi disponibbli fl-ambitu tal-QFP biex l-Unjoni tipprovdi s-soluzzjonijiet meħtieġa; jinsisti, barra minn hekk, li r-reviżjoni trid tirrimedja l-iktar nuqqasijiet serji fil-funzjonament tal-QFP, tipprovdi finanzjament ġdid għal prijoritajiet politiċi ġodda u tatrezza lill-Unjoni bl-għodod meħtieġa biex tiffaċċja l-isfidi u l-kriżijiet li ġejjin b'mod effettiv;
16. Jisħaq fuq il-bżonn għal QFP ikbar biex jiżgura baġit tal-UE iktar b'saħħtu u iktar aġli li jilħaq l-istandards l-iktar għolja tat-trasparenza u tal-akkontabbiltà demokratika; jitlob, għalhekk, żieda fil-limiti massimi tal-QFP, kif ukoll żieda fil-flessibbiltà baġitarja u t-fassil mill-ġdid tagħha;
17. Jinsab lest biex jieħu sehem f'negozjati sħaħ mal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-QFP, billi jibni fuq il-prattiki tal-passat u l-FII, li permezz tagħhom l-istituzzjonijiet impenjaw ruħhom biex isibu arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni u d-djalogu matul il-proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' reviżjoni sostanzjali tal-QFP;
18. Jinsisti li l-prinċipju tal-unità, li permezz tiegħu l-entrati kollha tad-dħul u n-nefqa tal-Unjoni jidhru fil-baġit, hu kemm rekwiżit tat-Trattat kif ukoll precondizzjoni bażika għall-akkontabbiltà, il-leġittimità demokratika u t-trasparenza tal-finanzi pubbliċi tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' kontroll parlamentari akbar b'mod sinifikanti fuq l-infiq kollu tal-UE, inklużi l-istrumenti mhux baġitarji, il-fondi, u l-attivitajiet komuni ta' teħid u



għoti b'self; itenni li l-istrumenti l-ġodda kollha għandhom ikunu taħt il-kompetenza tal-awtorità tal-baġit;

19. Jissottolinja, f'dan il-kuntest, li r-reviżjoni tal-QFP għandha timxi id f'id mar-reviżjoni li għaddejja tar-Regolament Finanzjarju, li għandha tinkorpora direttament il-bidliet meħtieġa fir-regoli li jirregolaw it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE; iqis, għalhekk, li huwa meħtieġ li jitwessa' l-ambitu tal-proposta tar-reviżjoni mmirata tar-Regolament Finanzjarju, sabiex jiġu indirizzati l-aspetti kollha rilevanti;
20. Jissottolinja l-importanza tal-prinċipji orizzontali li jirfdu l-QFP u l-politiki relatati kollha tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tat-twertiq tal-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jinsisti li r-reviżjoni trid iżżomm dawn il-prinċipji fil-qalba tal-QFP u twettaq l-impenn tal-Unjoni li tiżgura rkupru ekwu, reżiljenti, sostenibbli u soċjalment ġust għal kulħadd, inkluża l-implimentazzjoni tal-qafas rivedut tal-2030 għall-miri klimatiċi, ambjentali u għall-enerġija tal-Unjoni bl-oġettiv li l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050;
21. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni li ilu jħaddan li l-inizjattivi, l-oġettivi jew l-kompiti politiċi ġodda ffinanzjati permezz tal-baġit tal-UE jridu jiġu ffinanzjati bi flus ġodda addizzjonali u mhux permezz ta' riallokazzjonijiet għad-detriment ta' programmi jew politiċi tal-Unjoni li kienu stabbiliti sew u preeżistenti miftiehma mil-leġiżlatur;

### ***Intestatura 1: Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali;***

22. Jitlob żieda fil-limitu massimu tal-Intestatura 1 abbażi li l-marġnijiet mhumiex biżżejjed biex jakkomodaw il-ħtiġijiet akbar u minħabba li jopponi l-użu ta' pakketti ta' programmi miftiehma għall-finanzjament ta' inizjattivi ġodda;
23. Jenfasizza li ħafna mill-ambizzjonijiet politiċi stabbiliti dan l-aħħar – notevolment fl-oqsma tal-enerġija u tal-awtonomija strateġika u industrijali – u l-inizjattivi ġodda minn Jannar 2021 (Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, Konnettività Sigura, Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida) għandhom jinvolvu inġenju addizzjonali taħt l-Intestatura 1;
24. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandu l-finanzjament fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, il-Programm tas-Suq Uniku u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) biex tiġi stimulata l-innovazzjoni, jiġu appoġġati n-negozji u jiġu xprunati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
25. Jistenna bil-ħerqa l-proposta tal-Kummissjoni għall-Fond Ewropew ta' Sovranità l-ġdid maħsub biex jiżgura l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE f'setturi ewlenin; iqis li huwa essenzjali li l-proposta twieġeb għall-ħtiġijiet reali, li tkun ibbażata fuq valutazzjoni ċara tal-kostijiet u d-diskrepanzi fl-investiment u li ttiprovdi flus ġodda; jinsisti li kwalunkwe fond ġdid bħal dan għandu jiġi stabbilit skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jiġi inkorporat fl-ambitu tal-QFP, biex b'hekk tiġi żgurata s-sorveljanza sħiħa tal-Parlament; iqis li l-limiti massimi tal-QFP għandhom jiġu aġġustati biex jakkomodaw il-Fond;

### ***Intestatura 2a: Koeżjoni***

26. Jitlob li l-finanzjament miftiehem taħt l-Intestatura 2a ma jiddgħajjifx u li jinżamm għall-iskop maħsub tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk huwiex biżżejjed li

jiwieġeb għall-ħtiġijiet emerġenti fil-politika ta' koeżjoni;

27. Jissottolinja li l-flessibbiltà temporanja u ta' terminu qasir introdotta fil-fondi tal-politika ta' koeżjoni permezz tas-sensjela ta' proposti tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) għenu lill-Istati Membri biex jitrattaw b'mod mgħaġġel l-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna, b'segwitu mill-mudell tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+), li ppermettew lill-UE taġixxi fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19;
28. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Unjoni li żżid l-isforzi tagħha biex tiġġieled ir-rati allarmanti tal-faqar fost it-tfal u biex tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar fost it-tfal permezz tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal li nħolqot reċentement; iwissi, madankollu, li l-kriżijiet attwali aggrawaw u se jkomplu jaggrawaw is-sitwazzjoni attwali li qed tiddeterjora għat-tfal fil-faqar jew friskju ta' faqar, u se jkollhom konsegwenzi dejjiema; itenni t-talba tiegħu biex jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 biljun għall-perjodu 2021-2027 u jinsisti li dan il-baġit iddedikat isir parti mill-QFP rivedut u mill-FSE+ imsaħħa; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tipprovdi r-riżorsi disponibbli kollha għall-implimentazzjoni b'mod effettiv tal-Garanzija għat-Tfal, inklużi l-FSE+, ir-ReactEU u l-RRF, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minnhom;
29. Jisħaq li, filwaqt li l-miżuri ta' rispons għall-kriżi huma neċessarji u utli, il-politika ta' koeżjoni mhix għodda ta' rispons għall-kriżi; hu mħasseb li l-politika ta' koeżjoni qed tintuża dejjem iktar biex issaħħaħ politiki oħra u biex tagħmel tajjeb għal insuffiċjenzi fil-flessibbiltà tal-baġit jew mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżi fil-QFP; huwa tal-opinjoni li l-possibbiltà eżistenti ta' trasferimenti mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni għal programmi oħra sa 5 % tal-allokkazzjoni inizjali tipprevedi flessibbiltà suffiċjenti;
30. Jisħaq li r-reviżjoni tal-QFP ma tridx twassal għal xi reviżjoni 'l isfel tal-pakketti nazzjonali allokati minn qabel; jenfasizza li l-ftehim dwar il-QFP għall-2021-2027 u l-pakkett tal-politika ta' koeżjoni ġie adottat tard, u li flimkien mal-kriżi tal-COVID-19 dan wassal għal bidu bil-mod tal-proċess tal-ipprogrammar u t-tfixkil ta' proġetti, iżda mhux minħabba l-politika fiha nnifisha; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi ta' simplifikazzjoni amministrattiva; jissottolinja li l-bidu tardiv bl-ebda mod ma jqajjem dubji dwar ir-rwol ċentrali u l-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni bħala politika essenzjali tal-investiment tal-Unjoni u l-istrument ta' konverġenza;

### ***Intestatura 2b: Reżiljenza u Valuri***

31. Jitlob li l-linja baġitarja ddedikata għall-ħlas lura tal-kostijiet tas-self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru titneħħa mill-Intestatura 2b u titqiegħed barra mill-intestaturi, u li daww il-kostijiet jingħaddu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP;
32. Jiddispjaċih li l-kostijiet tas-self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u l-ħlas lura tad-dejn huma inklużi bħala linja baġitarja taħt l-Intestatura 2b għall-perjodu 2021-2027, flimkien ma' programmi emblematiċi bħall-Erasmus+, l-UE għas-Saħħa, Ewropa Kreattiva u ċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;
33. Jisħaq li l-kostijiet tal-imgħax u l-ħlas lura tad-dejn jiddependu fuq żviluppi tas-suq, mhumiex infiq diskrezzjonali, ma jsegwux il-loġika ta' limiti fuq l-infiq u ma għandhom qatt jikkompetu mal-programmi ta' nfiq; ifakkar li kwalunkwe attivazzjoni tal-Istrument

għall-Appoġġ ta' Emerġenza tiddependi wkoll fuq id-disponibbiltà ta' marġni mhux allokat taħt il-limitu massimu ta' din l-intestatura; jinnota bi tħassib ir-rati tal-imgħax li qed jiżdiedu b'mod qawwi qed jaffettwaw lill-emittenti sovrani; iwissi li l-kostijiet tal-finanzjament dan l-aħħar żdiedu b'mod sinifikanti minħabba l-kundizzjonijiet diffiċli tas-suq, u li hemm inċertezza konsiderevoli f'dak li jirrigwarda r-rati tal-imgħax fit-tul; jinsisti, għalhekk, li l-istatus quo jippreżenta riskji sinifikanti għall-infiq tal-programm u għall-kapaċità tal-QFP li twieġeb għall-ħtiġijiet emerġenti;

34. Jisħaq fuq l-importanza vitali tal-programm l-UE għas-Saħħa u tal-programmi tal-Unjoni dwar l-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażaġħ u l-valuri fl-appoġġ tas-setturi rilevanti wara l-pandemija u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni; jenfasizza li l-Fond Soċjali Ewropew+ huwa wieħed mill-muturi ewlenin għat-tiħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni; jiddispaċiħ li Erasmus+, bħala programm b'domanda relattivament stabbli minn sena għal sena, għandu profil finanzjarju kkonċentrat ħafna fl-aħħar tal-perjodu fil-QFP attwali;

### ***Intestatura 3: Riżorsi Naturali u Ambjent***

35. Jitlob li l-limitu massimu tal-Intestatura 3 jiġi aġġustat malajr kemm jista' jkun sabiex jakkomoda bis-ših il-Fond Soċjali għall-Klima, filwaqt li l-finanzjament miftiehem taħt l-Intestatura 3 ma għandux jiddgħajjef u għandu jinżamm għall-iskop maħsub tiegħu;
36. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-Fond Soċjali għall-Klima jrid jiġi inkorporat bis-ših fil-baġit tal-UE u fi ħdan il-QFP, mingħajr ma jkollu impatt negattiv fuq programmi u fondi oħra taħt din l-intestatura, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-importanza li jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u t-twettiq tal-Patt Ekoloġiku; ifakkar lill-fergħa l-oħra tal-awtorità tal-baġit fl-obbligu tagħha li tirrispetta l-unità tal-baġit;
37. Jenfasizza l-importanza tal-politika agrikola komuni (PAK) fl-għoti ta' appoġġ affidabbli lill-bdiewa biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel; ifakkar li l-kapaċità tal-bdiewa li jifilħu għall-pressjoni tal-inflazzjoni u ż-żieda fil-prezzijiet tal-input filwaqt li jitwettaq dan l-oġettiv hija affettwata mill-varjazzjonijiet fil-pagamenti tal-PAK; jissottolinja li l-bdiewa fuq skala żgħira u l-bdiewa żgħażaġħ huma partikolarment vulnerabbli u affettwati minn opportunitajiet limitati ta' investiment; jenfasizza r-rwol ewleni tal-programm LIFE fl-appoġġ tal-azzjoni klimatika, il-konservazzjoni tan-natura u l-protezzjoni ambjentali;

### ***Intestatura 4: Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri***

38. Jitlob li l-limitu massimu tal-Intestatura 4 jogħla biex jirrifletti r-realtà attwali u l-bżonnijiet reali ta' ffinanzjar tal-politiki u l-programmi dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri tal-Unjoni;
39. Jenfasizza li l-gwerra kontra l-Ukrajna u d-deċiżjoni sussegwenti li tiskatta d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja se jinvolvu impenn finanzjarju aktar fit-tul biex jiġu appoġġati l-Istati Membri, filwaqt li jsiru talbiet mhux mistennija fuq il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) u jinħolqu responsabbiltajiet addizzjonali għall-aġenziji deċentralizzati fl-Intestatura 4; barra minn hekk, jesprimi tħassib li proposti suċċessivi tal-Kummissjoni għal estensjonijiet tal-mandat tal-aġenzija qed inaqqu mill-pakkett

finanzjarju tal-BMVI;

### ***Intestatura 5: Sigurtà u Difiża***

40. Jitlob li jiżdied il-limitu massimu tal-Intestatura 5;
41. Jappella għal reviżjoni rapida tal-QFP biex jiżdiedu l-istrumenti tad-difiża tal-UE bħall-Fond Ewropew għad-Difiża, il-mobbiltà militari u l-mekkaniżmi ta' akkwist konġunt futuri għad-difiża tal-UE, jigiifieri l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni u l-Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża, dment li dawn isaħħu l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-UE u jiżguraw valur miżjud Ewropew;
42. Jinnota, fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku ferm differenti, il-proposta tal-Kummissjoni għal tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea permezz ta' Att dwar l-Akkwist Komuni għall-perjodu 2022–2024 u l-intenzjoni tagħha li tressaq proposta għal Programm Ewropew ta' Investment fil-Qasam tad-Difiża għall-perjodu ta' wara, imfassal biex jintroduċi akkwist konġunt u ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-kapaċitajiet militari; jenfasizza li l-infiq neċessarju biex jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-investment fid-difiża ma jistgħux ikunu koperti biss fil-limitu massimu tal-Intestatura 5; jissottolinja l-ħtieġa ta' investment biex tissaħħaħ il-politika ta' sigurtà u tiġi ffinanzjata l-innovazzjoni teknoloġika f'xenarju ta' sigurtà li qed jevolvi b'mod kostanti;

### ***Intestatura 6: Il-Viċinat u d-Dinja***

43. Jitlob li jiżdied il-limitu massimu tal-Intestatura 6 biex jiġu koperti bis-sħiħ il-ħtiġijiet attwali u futuri previsti fl-azzjoni esterna tal-Unjoni u biex tinħoloq kapaċità suffiçjenti ta' rispons għall-kriżijiet u l-ħtiġijiet emerġenti;
44. Jikkundanna l-fatt li, anke qabel il-gwerra kontra l-Ukrajna, il-fondi disponibbli taħt l-Intestatura 6 kienu inadegwati ħafna u minn dak iż-żmien il-persjoni fuq din l-intestatura żdiedet sostanzjalment; jissottolinja li l-iffinanzjar kontinwu għall-bżonnijiet tar-rifuġjati mis-Sirja, l-Iraq u pajjiżi oħra ma kinux inklużi fin-negozjati tal-QFP jew tal-baġits tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)-Ewropa Globali u għalhekk misshom kienu ffinanzjati minn approprjazzjonijiet ġodda b'żieda li tikkorrispondi taħt il-limitu massimu tal-Intestatura 6, aktar milli minn riallokazzjonijiet;
45. Jinnota d-deterjorament rapidu tal-kuntest internazzjonali mill-bidu tal-QFP, kemm fil-pajjiżi ġirien u lil hinn, bħala riżultat tal-kriżijiet tal-ikel, tal-enerġija, tal-klima u ekonomika, li żiedu b'mod drammatiku l-persjoni fuq l-Intestatura 6; jinnota li, minbarra r-rikors ripetut għall-Istrument ta' Flessibbiltà, ir-riżerva tal-NDICI-Ewropa Globali tnaqqset malajr ħafna u ntużat lil hinn mill-iskop ewlieni tagħha li twieġeb għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, b'mod partikolari għall-proviżjonament tal-AMF; iqis li rispons imsaħħaħ għall-kriżijiet huwa essenzjali minħabba l-għadd kbir ta' sfidi globali;
46. Jissottolinja li l-ġhajnuna umanitarja taħt l-Intestatura 6 ġiet imġebbda sal-limiti tagħha, u teħtieġ rinforzi ripetuti; jinsisti li l-finanzjament imsaħħaħ għall-ġhajnuna umanitarja u l-pilastru ta' rispons rapidu tal-NDICI-Ewropa Globali huma essenzjali jekk l-Unjoni trid mhux biss tippovdi assistenza lill-Ukrajna, iżda wkoll tiżgura appoġġ għall-

komunitajiet u r-reġjuni fil-bżonn u twestaq l-ambizzjoni tagħha li tkun donatur umanitarju ewlieni; jissottolinja li l-bżonnijiet addizzjonali fl-Ukrajna ma jridux iwasslu biex ikunu devjati flus minn reġjuni ġeografiċi oħra fil-bżonn, b'mod partikolari mill-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, jew minn prijoritajiet tematiċi;

47. Jissottolinja l-importanza li jingħata aktar appoġġ lill-Ukrajna permezz tal-AMF; jenfasizza li hija meħtieġa rata ferm ogħla ta' proviżjonament mill-istandard ta' 9 % għal self lill-Ukrajna minħabba r-riskju akbar ta' inadempjenza; jieħu nota, f'dan il-kuntest, tal-proposti tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022<sup>1</sup>; jissottolinja li t-triq 'il quddiem hija bidla minn approċċ *ad hoc* għal approċċ strutturali;
48. Jissottolinja li d-deċiżjoni li l-Ukrajna u l-Moldova jingħataw status ta' pajjiż kandidat se tfisser li jingħata appoġġ fl-ambitu tal-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) minflok l-NDICI-Ewropa Globali, li potenzjalment hemm il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-bażi ġuridika rilevanti; jinsisti fuq il-ħtieġa li jinżamm l-appoġġ għal pajjiżi kandidati oħra, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, fil-livell attwali tiegħu;
49. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Unjoni tissodisfa l-impenji internazzjonali tagħha dwar il-klima u b'mod partikolari tipprovdi finanzjament internazzjonali għall-klima u finanzjament għall-programmi rilevanti fl-ambitu tal-NDICI-Ewropa Globali;

#### ***Intestatura 7: Amministrazzjoni Pubblika Ewropea***

50. Jitlob li l-infiq taħt l-Intestatura 7 għandu jkun stabbilit f'livell li jiggarantixxi li l-UE jkollha amministrazzjoni effettiva u effiċjenti;
51. Jinsisti li jiġu allokat i biżżejjed mezzi lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-Unjoni biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politiki kollha tal-Unjoni f'konformità mal-kompiti li qed jevolvu; ifakkar fl-importanza li jingħataw riżorsi xierqa għal qafas imsaħħaħ ta' ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni;
52. Jappella għall-adozzjoni mgħaġġla tar-reviżjoni mmirata tar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tal-immaniġġjar ta' imġax ta' inadempjenza għall-ħlas lura tard ta' multi tal-kompetizzjoni mħassra jew imnaqqsa, sabiex tkun evitata l-pressjoni fuq l-infiq taħt l-Intestatura 7; jirrimarka li l-Parlament iddeċieda dwar il-pożizzjoni tiegħu u jinsab lest li jinnegozja; iħeġġeġ lill-Kunsill jittratta din il-proposta bi prijorità u jidħol f'negozjati mal-Parlament;

#### ***Approprjazzjonijiet ta' Pagament***

53. Ifakkar li l-appropriazzjonijiet ta' pagament jgħaddu direttament minn impenji u, għalhekk, li kwalunkwe żieda fil-limiti massimi għal impenji taħt kull intestatura għandha tkun akkumpanjata minn żieda proporzjonata fil-limitu massimu tal-pagamenti għall-istess snin jew dawk sussegwenti;
54. Jinnota d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programm u jistieden lill-Kummissjoni twestaq analiżi tar-riskju tal-impatt potenzjali fuq il-limitu massimu tal-pagamenti bħala parti mir-rieżami u tagħmel il-proposti meħtieġa fir-reviżjoni tal-QFP bl-għan li tiġi

---

<sup>1</sup> COM(2022)0595, COM(2022)0596, COM(2022)0597.

evitata kriżi tal-pagamenti li taffettwa serjament lill-benefiċjarji tal-baġit tal-UE;

55. Iwissi, barra minn hekk, dwar l-użu tad-dħul assenjat estern soġġett għall-fluttwazzjonijiet tas-suq bħala sostitut għall-appropriazzjonijiet fl-ambitu tal-QFP u r-riskju li dan jista' joħloq biex jitħallsu l-pagamenti;

### ***Ir-riżorsi proprji***

56. Jirrimarka li l-QFP u r-riżorsi proprji huma interkonnessi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-bżonn ta' dħul sostenibbli u reżiljenti għall-baġit tal-UE; ifakkar li, fil-FII legalment vinkolanti, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom għal pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda suffiċjenti biex tal-inqas ikopru r-ripagament tad-dejn tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru;
57. Itenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan li r-riforma tar-riżorsi proprji hija meħtieġa biex tallinja aħjar in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE mal-prijoritajiet ta' politika usa' tal-UE; jistenna, għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni, it-tfassil u l-kompożizzjoni tal-basket ta' riżorsi proprji ġodda mhux biss biex jiġu żgurati flussi ta' introjtu addizzjonali, iżda wkoll biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti ta' politika f'ambjent ekonomiku kkaratterizzat minn inflazzjoni u prezzijiet għoljin tal-enerġija;
58. Jistieden lill-Kunsill jagħmel progress rapidu bil-proposti ta' Diċembru 2021 għal riżorsi proprji ġodda; jissottolinja li, f'konformità mal-pjan direzzjonali, riżorsi proprji ġodda li jirriżultaw mill-proposti dwar is-Sistema riformata għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri suppost li jiġu introdotti fl-1 ta' Jannar 2023; jisħaq li r-riżorsa proprja l-għdida bbażata fuq il-Pilastru I tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, għandha tiġi introdotta wkoll sal-istess data;
59. Jistenna bil-ħerqa l-proposti tal-Kummissjoni għat-tieni lott ta' riżorsi proprji ġodda dovuti fit-tielet trimestru tal-2023; jesprimi l-fiduċja tiegħu li azzjoni rapida u determinata għar-riforma tar-riżorsi proprji se tiżgura b'mod partikolari l-klassifikazzjoni tal-kreditu b'saħħitha tal-UE, li tibqa' *sine qua non* minħabba d-diversi sfidi; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni, minħabba ż-żieda fil-ħtiġijiet ta' finanzjament, biex tirrifletti lil hinn mill-FII u biex teżamina l-ħtieġa li tipproponi aktar riżorsi proprji ġodda, innovattivi u ġenwini;

### ***Flessibbiltà u rispons għall-kriżijiet fil-baġit tal-UE: minn risponsi ad hoc għal tħejija sistemika u fit-tul***

60. Jenfasizza li l-baġit tal-UE jrid ikun mgħammar bil-flessibbiltà u l-"ispazju" baġitarju meħtieġa biex ikun jista' jirreaġixxi għall-kriżijiet u jadatta għall-ħtiġijiet emerġenti u li qed jikbru; jissottolinja l-ħtieġa għal bidla radikali fir-rispons għall-kriżijiet u l-istrumenti ta' flessibbiltà biex jiġi żgurat li dawn ikunu tad-daqs meħtieġ, ikunu jistgħu jiġu attivati malajr u jibqgħu fl-ambitu sħiħ taż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit;
61. Iqis li ż-żieda qawwija fl-inflazzjoni u l-effetti sekondarji tagħha fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE komplew jillimitaw l-ispazju meħtieġ u kellhom impatt fuq il-programmi li jiffinanzja; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-kamp ta' applikazzjoni għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' aġġustament temporanju biex tidderoga mid-deflatur awtomatiku ta' 2 % fil-każ ta' xokkijiet fl-inflazzjoni;

62. Jinsisti li l-appropriazzjonijiet diżimpenjati għandhom jibqgħu fil-baġit tal-UE u għandhom jiġu impenjati mill-awtorità tal-baġit permezz tal-proċedura baġitarja annwali; jissottolinja l-bżonn għal bidliet korrispondenti għar-Regolament Finanzjarju; jirrimarka li l-livell ta' diżimpenji tar-riċerka waħdu kien sostanzjali fil-parti bikrija tal-QFP attwali; jenfasizza li se tinkiseb flessibilità baġitarja addizzjonali billi jinżammu d-diżimpenji fil-baġit;
63. Ifakkar li l-istrumenti speċjali jaqgħu barra mil-limiti massimi tal-QFP, biex b'hekk jiżguraw grad ta' flessibilità u l-kapaċità għar-rispons għall-kriżijiet, u li huma mobilizzati biss wara deċiżjoni mill-awtorità tal-baġit; jirrimarka l-użu estensiv tal-istrumenti speċjali fl-ewwel sentejn tal-QFP;
64. Jikkunsidra li l-istrumenti speċjali huma kostretti kemm bl-iskarsezza tar-riżorsi kif ukoll bir-riġidità tad-disinn, b'hekk titnaqqas il-kapaċità tagħhom biex iservu bħala għodda effettiva ta' rispons għall-kriżi; jisħaq, għalhekk, li r-reviżjoni hi imperattiva biex jitwessa' l-potenzjal tal-proviżjonijiet eżistenti tal-flessibilità; jiddisjaċiħ dwar id-deċiżjoni li r-Riżerva ta' Għajjuna f'Emerġenza u l-FSUE jingħaqdu flimkien fil-QFP attwali, liema deċiżjoni wasslet għal nuqqasijiet serji, u li jitnaqqas il-finanzjament kumplessiv disponibbli bejn wieħed u ieħor bin-nofs;
65. Jitlob li l-appropriazzjonijiet annwali għall-Istrument ta' Flessibilità jiżdiedu minn EUR 915 miljun għal EUR 2 biljun; jitlob, barra minn hekk, biex is-SEAR tinqasam f'żewġ fergħat – ir-Riżerva ta' Għajjuna f'Emerġenza u l-FSUE – u biex l-appropriazzjonijiet annwali jiżdiedu minn EUR 1,2 biljun għas-SEAR globalment, għal EUR 1 biljun għal kull fergħa fil-prezzijiet tal-2018; iqis li dan se jipprovdi riżorsi addizzjonali vitali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet attwali u emerġenti, b'mod partikolari fid-dawl tal-intensifikazzjoni u l-multiplikazzjoni ta' avvenimenti tat-temp estrem u minħabba s-sitwazzjoni umanitarja globali;
66. Jitlob li kemm il-limitu massimu annwali fl-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'appropriazzjonijiet ta' pagament għal rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku jiġi eliminat;
67. Jenfasizza iktar li l-istrumenti speċjali varji huma soġġetti għal regoli ta' trasferiment differenti u jitlob li dawn ir-regoli jiġu armonizzati sabiex ikunu jistgħu jintużaw ammonti sas-sena n+3 għall-istrumenti speċjali kollha, biex b'hekk joħlqu flessibilità addizzjonali; jinsisti li ammonti li jiskadu wara s-sena n+3 jerġgħu jsiru disponibbli fl-ambitu tal-Istrument ta' Flessibilità jew l-Istrument ta' Marġini Uniku;
68. Jinsisti li, lil hinn minn rinfurzar ta' strumenti speċjali li jeżistu, hu neċessarju li jkun stabbilit strument speċjali permanenti addizzjonali barra l-limiti massimi tal-QFP sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta ruħu aħjar u jirreaġixxi malajr għal kriżijiet u għall-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dan l-istrument komuni għall-kriżijiet ikun jista' jiġi attivat b'mod effettiv u malajr skont il-ħtiġijiet;
69. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni hi waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni, għandha objettivi fit-tul għall-investiment konnessi mal-aġenda strateġika tal-UE, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Aġenda Diġitali, u ma għandhiex tintuża biex tipprovdi finanzjament għal politiki oħra;

***Valutazzjoni ta' karatteristiċi ġodda fil-QFP attwali u preparazzjoni tal-baġi għall-QFP***

***ta'wara l-2027 b'appoġġ għal baġit tal-UE iktar reżiljenti***

70. Jirrimarka li l-QFP attwali u l-FII jinkorporaw għadd ta' karatteristiċi ġodda mhux fil-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti li għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa bħala parti mill-analiżi u r-reviżjoni ta' nofs it-terminu;
71. Iqis li l-istruttura l-ġdida tal-QFP bl-intestaturi tal-infiq tal-grupp skont ir-raggruppament tal-politika hija aktar sempliċi u tiffaċilita l-ġestjoni baġitarja fi ħdan il-Kummissjoni; jemmen li n-nomenklatura – b'għadd imnaqqas ta' linji baġitarji u xi drabi linja waħda li tkopri programm ta' nfiq wiesa' kif inhu l-każ għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi – hija nieqsa mill-granularità u t-trasparenza meħtieġa u tillimita b'mod sinifikanti s-sorveljanza u d-deċiżjonijiet xierqa mill-awtoritajiet baġitarji; jistenna li l-Kummissjoni tirrieżamina l-bidliet fl-istruttura u n-nomenklatura qabel il-perjodu tal-QFP il-ġdid;
72. Jilqa' l-impatt pożittiv tar-Regolament fuq reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE u jemmen li diġà aġixxa bħala deterrent effettiv kontra l-ksur tal-istat tad-dritt fl-użu tal-fondi tal-UE; jenfasizza r-rabta ċara bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-baġit tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura infurzar robust tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità; jinnota li kwalunkwe titjib tal-QFP 2021–2027 għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-istat tad-dritt u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinsisti, barra minn hekk, fuq l-obbligu ta' konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea meta jiġi implimentat il-baġit tal-UE;
73. Itenni l-ħtieġa għal aktar trasparenza fl-infiq tal-UE u jitlob l-introduzzjoni ta' bażi tad-data interoperabbli unika obligatorja li tippermetti l-monitoraġġ tal-benefiċjarji diretti u finali tal-fondi tal-UE f'format li jinqara mill-magni u b'hekk tipprovdi ħarsa ġenerali ċara tar-riċevituri kollha tal-finanzjament tal-UE; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Mejju 2022 bħala punt tat-tluq xieraq għall-ħolqien ta' sistema diġitali interoperabbli għal skopijiet ta' awditjar u kontroll; jinnota li l-Kummissjoni pproponiet li dawn il-bidliet jidħlu fis-seħħ fil-QFP ta' wara l-2027; jissottolinja, madankollu, li tranżizzjoni iktar ambizzjuża hija fattibbli u mixtieqa; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li l-informazzjoni ssir aktar faċilment aċċessibbli għall-pubbliku;
74. Ifakkar fil-miri relatati mal-klima u l-bijodiversità stabbiliti fil-FII; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha skont il-FII li tqis b'mod regolari l-progress tal-isforzi tal-integrazzjoni tal-klima u teżamina jekk il-miri jkunux intlaħqu jew ikunux fit-triq it-tajba; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u tiegħu miżuri korrettivi meħtieġa jekk u meta jkun meħtieġ;
75. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' titjib sinifikanti tal-metodoloġiji tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-infiq fuq il-klima u l-bijodiversità huwa ġenwinament addizzjonali meta jingħadd għall-miri ta' nfiq minimu rispettivi, f'konformità mal-proposti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tal-Parlament;
76. Jistenna impenji finanzjarji aktar ambizzjużi fil-QFP attwali u li jmiss f'konformità mal-impenn globali tal-UE li tindirizza t-tibdil fil-klima u twaqqaf it-telf tal-bijodiversità; jistenna li l-impenji u l-wegħdiet kollha dwar il-finanzjament internazzjonali għall-klima jkunu ppjanati bis-siġħ f'konformità man-negozjati globali; jistieden lill-



Kummissjoni tiżgura li jintlaħqu l-miri miftiehma għall-integrazzjoni tal-bijodiversità għall-2026 u l-2027; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta kif il-miri tal-klima u tal-bijodiversità jistgħu jiġu integrati aħjar fil-QFP ta' wara l-2027 sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni twettaq l-impenji tagħha;

77. Itenni li l-programmi għandhom jiġu implimentati b'mod li jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-twettiq tal-oġettivi tagħhom; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħidma tal-Kummissjoni fuq klassifikazzjoni għdida biex jitkejjel l-impatt fuq il-ġeneri tal-infiq tal-Unjoni; iqis li l-klassifikazzjoni għandha ttiprovdi rappreżentazzjoni preċiża u komprensiva tal-impatt tal-programmi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jitlob li l-klassifikazzjoni tiġi estiża għall-programmi kollha tal-QFP u li tiġi integrata aħjar fil-qafas tal-QFP; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa ta' ġbir u analiżi sistematiċi ta' data diżaggregata skont il-ġeneru; jistenna li r-rappurtar kollu rilevanti għall-ġeneru jkun abbażi tal-volumi u mhux l-għadd ta' azzjonijiet;
78. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti fil-programmi rilevanti kollha tal-QFP skont il-FII u għalhekk tiżviluppa metodoloġija robusta biex issegwi l-infiq relatat mal-SDGs u dak soċjali fi ħdan il-baġit tal-UE;
79. Ifakkar li l-QFP attwali kien akkumpanjat min-Next Generation EU, strument bla preċedent biex tingħata spinta lill-irkupru wara l-pandemija; iqis li dan l-istrument s'issa kien ta' suċċess u għandu jiġi implimentat bis-sħiħ;
80. Iqis li l-Unjoni qed tiżvolġi rwol dejjem aktar importanti fl-għoti ta' appoġġ għall-protezzjoni tal-impjiegi u l-kumpens tal-introjtu f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn soċjetà newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol strumentali tal-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) fl-għoti ta' appoġġ għall-iskemi ta' xogħol temporanju u għall-ħaddiema fl-Istati Membri u fil-mitigazzjoni tar-riskji tal-qgħad; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ta' SURE u kif dan jista' jinbena għal azzjoni futura tal-Unjoni fil-kuntest tal-kriżijiet soċjali;
81. Jirrimarka li ħafna mill-bżonnijiet tal-infiq riċenti, f'oqsma bħall-irkupru ekonomiku u soċjali, il-politiki relatati mat-tibdil fil-klima u l-iffinanzjar fir-rigward tal-kriżi tal-Ukrajna, ma jseguw il-loġika tradizzjonali tal-predittività tal-investment fuq tul ta' żmien medju; iqis il-Fond Soċjali għall-Klima u l-infiq għad-difiża, ir-rispons għall-kriżi u l-intervent f'emerġenzi bħala każijiet fejn hemm raġuni ċara għall-azzjoni tal-UE; jistenna li din ix-xejra lejn tip ta' infiq iktar diversifikat tkompli hekk kif isir progress fl-ambitu u l-approfondiment tal-kooperazzjoni tal-UE; jissottolinja, għalhekk, il-bżonn għal QFP mibni sew u li jista' jadatta ruħu sabiex id-disinn tal-baġit tal-UE jippermetti l-UE tassumi kompiti u funzjonijiet ġodda mingħajr ma tiddevja riziorsi lil hinn mill-programmi u l-prijoritajiet miftiehma;
82. Jissottolinja li ħafna min-nuqqasijiet u l-insuffiċjenzi fil-QFP attwali huma inerenti fil-loġika u d-disinn tiegħu, fejn il-prevedibbiltà tal-infiq twassal għal deċiżjonijiet dwar struttura u ammonti u trażżan il-flessibbiltà;
83. Jiddispjaċi dwar it-tnaqqis gradwali tal-baġit tal-UE bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE u l-enfasi eċċessiva fuq il-limitazzjoni tal-infiq globali għal madwar 1 % tal-ING tal-UE; iqis li dan impedixxa lill-Unjoni milli twettaq l-

ambizzjonijiet miftiehma tagħha u çahhadha mill-kapaçità li tirispondi għall-kriżijiet u għall-ħtiġijiet emerġenti filwaqt li tiżgura l-akkontabbiltà demokratika;

84. Jinsisti li s-suçessur tal-QFP attwali għandu jkun mgħammar biex jindirizza b'mod totali u flessibbli l-firxa ta' prijoritajiet tal-politika u l-bżonnijiet tal-infiq u biex jiżgura r-reżiljenza fil-każ ta' kriżijiet; iqis li ż-żieda tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji toħloq l-"ispazju" baġitarju biex jirreaġixxi għall-kriżijiet u l-ħtiġijiet emerġenti, filwaqt li xorta tiggarrantixxi l-prevedibbiltà tal-infiq; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tirrevedi l-arkitettura sħiħa tal-QFP, inkluż it-tul tal-perjodi ta' programmazzjoni, bħala parti minn riflessjoni aktar fit-tul dwar il-baġit tal-UE ta' wara l-2027 fid-dawl tal-ħtiġijiet ta' nfiq li qed jevolvu;
85. Jiddeplora l-fatt li, wara l-introduzzjoni meħtieġa tan-Next Generation EU u SURE, il-Kummissjoni ripetutamente ipproponiet l-użu ta' strumenti barra mill-baġit, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Artikolu 122 TFUE, li ma jirrikjedux sorveljanza mill-Parlament u b'hekk jimminaw it-trasparenza u l-akkontabbiltà tal-infiq pubbliku; jikkunsidra, f'dan ir-rigward, li dibattitu plenarju annwali fil-Parlament dwar il-finanzi kollha tal-UE, inkluż strumenti barra l-baġit, ikun pass importanti biex tiżdied it-trasparenza u l-akkontabbiltà;
86. Biħsiebu jimmonitorja mill-qrib ħafna l-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-iskrutinju baġitarju ta' proposti għodda bbażati fuq l-Artikolu 122 TFUE, li kien parti mill-ftehim tal-QFP; ifakkar li proposti bħal dawn spiss jinvolvu implikazzjonijiet baġitarji sinifikanti li jista' jkollhom impatt fuq l-iżvilupp tan-nefqa tal-UE; huwa determinat li jiżgura li l-Parlament ikollu rwol xieraq u jkun involut f'dan il-proçess bħala fergħa waħda ugwali tal-awtorità tal-baġit;
87. Jisħaq li x-xejra lejn iktar użu ta' dħul assenjat estern mhix soluzzjoni sodisfaçenti skont ir-regoli attwali, peress li ddgħajjef ir-rwol tal-awtorità tal-baġit (il-Parlament u l-Kunsill), u b'hekk timmina l-iskrutinju demokratiku u tnaqqis tat-trasparenza tal-finanzi tal-UE; jeżiġi soluzzjonijiet legalment sodi li jippermettu żidiet immirati, ta' darba u bbażati fuq il-bżonnijiet li jkollhom l-istess vantaġġi tad-dħul allokat (jiġifieri mhux magħdud mal-limiti massimi), iżda li jkunu fl-istess ħin soġġetti għall-kontroll sħiħ tal-awtorità tal-baġit; ifakkar fl-impenn tiegħu għall-prinçipju tal-universalità;
88. Jenfasizza li r-reviżjoni li għaddejja tar-Regolament Finanzjarju għandha tadatta r-regoli li jirregolaw l-istrumenti tal-baġit għaç-çirkostanzi attwali, fejn id-dħul assenjat estern, operazzjonijiet ta' self u għotja ta' self, fondi fiduċjarji u strumenti taħt l-Artikolu 122 TFUE qed jintużaw b'iktar frekwenza minkejja li ta' spiss jaqbżu l-metodu Komunitarju u b'hekk l-iskrutinju tal-awtorità tal-baġit u għalhekk inaqqsu t-traçcabbiltà tal-fondi u l-akkontabbiltà;
89. Jirrimarka, b'mod partikolari, dwar id-dikjarazzjoni għall-valutazzjoni mill-ġdid tad-dħul assenjat estern u d-dispożizzjonijiet dwar is-self u l-għoti tas-self fir-Regolament Finanzjarju li kien maqbul fin-negożjati tal-QFP; jikkunsidra li d-dħul assenjat estern, kif ukoll l-assi u l-obbligazzjonijiet relatati mal-operazzjonijiet ta' self u tal-għoti tas-self, għandhom jiffurmaw parti integrali mill-baġit tal-UE u jkunu adottati mill-awtorità tal-baġit bħala parti minn dak il-baġit;
90. Itenni t-talba li ilu jagħmel li l-istrumenti kollha tal-UE li jkopru l-infiq fil-livell tal-UE, inklużi l-fondi fiduċjarji, jiġu inkorporati bis-sħiħ fil-baġit skont it-Trattat, biex b'hekk

jìgu żgurati t-trasparenza, il-kontroll demokratiku sħiħ u l-protezzjoni tal-finanzi pubbliċi u l-interessi finanzjarji tal-UE; jinsisti, madankollu, li l-integrazzjoni ta' dawn l-istrumenti fil-baġit tal-UE ma għandhiex tirriżulta fi tnaqqis tal-finanzjament tal-politiki u tal-programmi l-oħra tal-UE;

91. Jenfasizza l-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Fond għall-Innovazzjoni (Fond ta' Investiment favur il-Klima) bħala każijiet prominenti f'dan il-kuntest; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-inklużjoni sħiħa tagħhom fil-QFP ta' wara l-2027 bl-aġġustament kważi awtomatiku rilevanti tal-limiti massimi;
92. Jissottolinja li r-rekwiżit ta' unanimità għall-adozzjoni tar-Regolament QFP jimpedixxi d-deċiżjonijiet meħtieġa fil-proċess ta' reviżjoni; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq il-ħidma tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fil-baġit, iqis, f'konformità mal-proposti tal-Konferenza, li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għandha tapplika għall-adozzjoni tar-Regolament QFP u għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji sabiex il-Parlament jikseb il-prerogattivi baġitarji sħaħ li jgawdu l-parlamenti nazzjonali; jemmen, barra minn hekk, li t-fassil tal-QFP għandu jkun proċess minn isfel għal fuq ibbażat fuq l-involviment estensiv tal-partijiet ikkonċernati;
93. Ifakkar li l-klawżola "*passerelle*" stabbilita fl-Artikolu 312(2) tat-TFUE tippermetti l-adozzjoni tar-Regolament QFP b'maġġoranza kwalifikata u jstieden lill-Kunsill Ewropew jattivaha biex tħaffef it-teħid tad-deċiżjonijiet;

o

o o

94. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.